

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1170/2011

tas-16 ta' Novembru 2011

li jirrifjuta l-awtorizzazzjoni ta' ċerti stqarrijiet dwar l-effetti tal-ikel fuq is-saħħa u li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju ta' mard

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 l-istqarrijiet li jsiru rigward l-effetti tal-ikel fuq is-saħħa huma pprojbiti sakemm dawn ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament u ma jkunux inklużi f'lista ta' stqarrijiet permessi.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' stqarrijiet dwar is-saħħa jistgħu jitressqu minn operaturi tan-negozju tal-ikel lill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tressaq l-applikazzjonijiet validi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel (EFSA), minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità".
- (3) Wara li tirċievi applikazzjoni, l-Awtorità għandha tgħarraf biha lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, u tippovdi opinjoni fuq l-istqarrija dwar is-saħħa kkonċernata.
- (4) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni ta' stqarrijiet dwar is-saħħa filwaqt li tqis l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità.

- (5) B'segwiment ta' applikazzjoni mill-Professor Dr. Moritz Hagenmeyer u l-Professor Dr. Andreas Hahn, li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtiġilha tagħti opinjoni fuq stqarrija dwar is-saħħa marbuta mal-effetti tal-ilma u t-tnaqqis tar-riskju tal-iżvilupp tad-deidratazzjoni u t-tnaqqis konkomitanti tal-prestazzjoni (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-05014) ⁽²⁾. L-istqarrija proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Il-konsum regolari ta' ammonti sinifikanti ta' ilma jista' jnaqqas ir-riskju tal-iżvilupp tad-deidratazzjoni u n-nuqqas konkomitanti tal-prestazzjoni".

- (6) L-Artikolu 2(2) punt 6 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jiddefinixxi l-istqarrijiet dwar it-tnaqqis ta' riskju bħala "kull indikazzjoni dwar vantaġġ għas-saħħa li tiddikjara, tissuġġerixxi jew timplika li l-konsum ta' xi kategorija ta' ikel, ta' xi ikel, jew ta' wieħed mill-kostitwenti tiegħu, inaqqsu b'mod sinifikanti fattur ta' riskju fl-iżvilupp ta' xi marda tal-bniedem". Meta ntalbet kjarifika, l-applikant ippropona li t-telf tal-ilma fit-tessuti, jew in-nuqqas fil-kontenut tal-ilma fit-tessuti huma fatturi ta' riskju tad-deidratazzjoni. Abbażi tad-dejta ppreżentata, fl-opinjoni tagħha, li waslet għand il-Kummissjoni u għand l-Istati Membri fis-16 ta' Frar 2011, l-Awtorità kkonkludiet li l-fatturi ta' riskju proposti huma miżuri ta' tnaqqis serju ta' ilma u għaldaqstant huma miżuri tal-marda. Għalhekk, minħabba li ma jintweriex li fattur ta' riskju fl-iżvilupp ta' marda jitnaqqas, l-istqarrija ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u ma għandhiex tiġi awtorizzata.

- (7) Wara applikazzjoni minn FrieslandCampina, imressqa skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ntalbet tagħti opinjoni fuq stqarrija dwar is-saħħa marbuta mal-effetti tal-meraġ tal-frott li fih il-kalċju aċiduż fuq it-tnaqqis tad-demineralizzazzjoni tas-snien (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2009-00501) ⁽³⁾. L-istqarrija proposta mill-applikant inkitbet, *inter alia*, kif ġej: "Riskju mnaqqas ta' taħfir tas-snien".

⁽¹⁾ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

⁽²⁾ EFSA Journal 2011; 9(2):1982.

⁽³⁾ EFSA Journal 2011; 9(2):1983.

- (8) L-Artikolu 2(2) punt 6 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jiddefinixxi l-istqarrijiet dwar it-tnaqqis ta' riskju bħala "kull indikazzjoni dwar vantaġġ għas-saħħa li tiddikjara, tissuġġerixxi jew timplika li l-konsum ta' xi kategorija ta' ikel, ta' xi ikel, jew ta' wieħed mill-kostitwenti tiegħu, inaqqsu b'mod sinifikanti fattur ta' riskju fl-iżvilupp ta' xi marda tal-bniedem". Meta ntablab jikkjarifika, l-applikant ippropona d-demineralizzazzjoni tas-snien bħala fattur ta' riskju għat-taħfir tas-snien. Abbażi tad-dejta ppreżentata, fl-opinjoni tagħha li waslet għand il-Kummissjoni u għand l-Istati Membri fit-18 ta' Frar 2011, l-Awtorità kkonkludiet li ma kienet għet stabbilita ebda relazzjoni bejn il-konsum ta' meraq tal-frott li fih il-kalċju aċiduż minflok il-konsum ta' meraq tal-frott mingħajr il-kalċju miżjud u t-tnaqqis tad-demineralizzazzjoni tas-snien. Għaldaqstant, billi l-istqarrija ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.
- (9) Hija u tistabbilixxi l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni qieset il-kummenti li rċeviet mingħand l-applikanti u l-membri tal-pubbliku skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-istqarrijiet dwar is-saħħa elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' stqarrijiet permessi stipulati fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Stqarrijiet dwar is-sahha rrifutati

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Stqarrija	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Stqarrija dwar is-saħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju tal-mard, skont l-Artikolu 14(1)(a)	L-ilma	Il-konsum regolari ta' ammonti sinifikanti ta' ilma jista' jnaqqas ir-riskju tal-iżvilupp tad-deidratazzjoni u n-nuqqas konkomitanti tal-prestazzjoni.	Q-2008-05014
Stqarrija dwar is-saħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju tal-mard, skont l-Artikolu 14(1)(a)	Il-meraġ tal-frott li fih il-kalċju	Riskju mnaqqas ta' taħfir tas-sniien	Q-2009-00501